Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Novembru 2016**
**(OR. en)**

**14779/16**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0361 (COD)**

**EF 355**
**ECOFIN 1100**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Novembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2016) 851 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' Rikapitalizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 851 final.

---

Mehmuż: COM(2016) 851 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2016
COM(2016) 851 final

2016/0361 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' Rikapitalizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 377}
{SWD(2016) 378}

MT

MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

L-emendi proposti għar-Regolament (UE) 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jew SRMR) huma parti minn pakkett leġiżlattiv li jinkludi wkoll emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew CRR), għad-Direttiva 2013/36/UE (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew CRD) u għad-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek jew BRRD).

Matul is-snin li għaddew l-UE implimentat riforma sostanzjali tal-qafas regolatorju tas-servizzi finanzjarji biex titjieb ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE, li fil-biċċa l-kbira hija bbażata fuq standards globali miftiehma mal-imsieħba internazzjonali tal-UE. B'mod partikolari, il-pakkett ta' riforma kien jinkludi r-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew CRR) u d-Direttiva 2013/36/UE (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital jew CRD), dwar rekwiżiti prudenzjali tal-istituzzjonijiet u s-superviżjoni tagħhom, id-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek jew BRRD), dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM).

Dawn il-miżuri ttieħdu bi tweġiba għall-kriżi finanzjarja li żviluppat fl-2007-2008. Minħabba n-nuqqas ta' oqfsa xierqa ta' mmaniġġjar ta' kriżijiet u ta' riżoluzzjoni l-gvernijiet madwar id-dinja ġew imġiegħla jsalvaw il-banek wara l-kriżi finanzjarja. L-impatt sussegwenti fuq il-finanzi pubbliċi kif ukoll l-inċentiv mhux mixtieq tas-soċjalizzazzjoni tal-kost tal-falliment bankarju ssottolinjaw il-ħtieġa għal approċċ differenti għall-immaniġġjar tal-kriżijiet bankarji u għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja.

Fi ħdan l-Unjoni u f'konformità mal-passi sinifikanti li ġew miftiehma u li ttieħdu fuq livell internazzjonali, id-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)[1] u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR)[2] waqqfu qafas b'saħħtu għar-riżoluzzjoni tal-banek sabiex il-kriżijiet tal-banek jiġu mmaniġġjati b'mod effettiv u jitnaqqas l-impatt negattiv tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq il-finanzi pubbliċi. Element fundamentali tal-qafas ġdid għar-riżoluzzjoni huwa r-"rikapitalizzazzjoni interna" li tikkonsisti fil-valwazzjoni negattiva tad-dejn jew il-konverżjoni ta' pretensjonijiet ta' dejn jew ta' obbligazzjonijiet oħra f'ekwità skont ġerarkija predefinita. L-għodda tista' tintuża biex jiġi assorbit it-telf u għar-rikapitalizzazzjoni interna ta' istituzzjoni li tkun qed tfalli jew li probabbilment sejra tfalli, sabiex tiġi restawrata l-vijabilità tagħha. Għalhekk, l-azzjonisti u l-kredituri l-oħra se jkollhom iġorru l-piż ta' falliment ta' istituzzjoni u mhux il-kontribwenti. B'kuntrast ma' ġurisdizzjonijiet oħra, il-qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek diġà ta mandat lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni biex għal kull istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment

1 Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190

2 Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1

(‘istituzzjoni’) jistabbilixxu rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL), li huwa magħmul minn obbligazzjonijiet b’kapaċità kbira ta’ rikapitalizzazzjoni interna sabiex jintużaw għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ta’ istituzzjonijiet f’każ ta’ fallimenti. Il-leġiżlazzjoni delegata li tittratta l-implimentazzjoni prattika ta’ dan ir-rekwiżit ġiet adottata reċentement mill-Kummissjoni[3].

Fil-livell globali, fid-9 ta’ Novembru 2015 il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) ippubblika d-Dokument dwar il-Kondizzjonijiet (*Term Sheet*) tal-Kapaċità Totali ta’ Assorbiment tat-Telf (TLAC) (‘l-istandard TLAC’) li ġie adottat ġimgħa wara waqt is-summit tal-G20 fit-Turkija[4]. L-istandard TLAC jeħtieġ li banek globali ta’ importanza sistemika (G-SIBs), li fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni huma magħrufa bħala istituzzjonijiet globali sistemiċi (G-SIIs), jżommu ammont suffiċjenti ta’ obbligazzjonijiet b’kapaċità kbira ta’ assorbiment tat-telf (kapaċità ta’ rikapitalizzazzjoni interna) biex jiġi żgurat assorbiment bla xkiel u mgħaġġel tat-telf u rikapitalizzazzjoni waqt riżoluzzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta’ Novembru 2015[5], il-Kummissjoni impenjat ruħha li sal-aħħar ta’ dik is-sena tressaq proposta leġislattiva sabiex l-istandard TLAC ikun jista’ jiġi implimentat sal-iskadenza miftiehma tal-2019. Barra minn hekk, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi r-regoli eżistenti dwar l-MREL bil-għan li jkun hemm konsistenza sħiħa mal-istandard TLAC miftiehem internazzjonalment billi jitqiesu s-sejbiet ta’ rapport li l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) hija meħtieġa tipprovdi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 45(19) tal-BRRD. Fid-19 ta’ Lulju 2016 l-EBA diġà ppubblikat verżjoni interim ta’ dak ir-rapport[6] u r-rapport finali huwa mistenni li jiġi ppreżentat matul Diċembru 2016.

Filwaqt li l-oqfsa ġenerali tal-BRRD u tal-SRMR jibqgħu validi u sodi, l-objettiv ewlieni ta’ din il-proposta huwa li jiġi implimentat l-istandard TLAC u sabiex ir-rekwiżit tat-TLAC jiġi integrat fir-regoli ġenerali dwar l-MREL billi tiġi evitata duplikazzjoni minħabba l-applikazzjoni ta’ żewġ rekwiżiti paralleli. Għalkemm it-TLAC u l-MREL jsegwu l-istess objettiv regolatorju, madankollu, hemm xi differenzi bejniethom fil-mod kif inhuma mibnija. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-MREL ma jkoprix biss G-SIIs, iżda l-industrija bankarja sħiħa tal-Unjoni. B’mod differenti mill-istandard TLAC, li fih livell minimu armonizzat, il-livell tal-MREL huwa determinat mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni fuq bażi ta’ valutazzjoni ta’ każ b’każ speċifika għall-istituzzjoni. Fl-aħħar nett, fil-prinċipju r-rekwiżit minimu tat-TLAC għandu jintlaħaq bi strumenti tad-dejn subordinat, filwaqt li għall-finijiet tal-MREL, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu jeħtieġu subordinazzjoni tal-istrumenti tad-dejn fuq bażi ta’ każ b’każ sal-limitu li huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li f’każ partikolari l-kredituri soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna ma jiġux trattati agħar milli f’xenarju ipotetiku ta’ insolvenza (li huwa xenarju kontrofattwali għal riżoluzzjoni). Sabiex jinkiseb qafas sempliċi u trasparenti li jipprovdi ċertezza u konsistenza legali, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li l-istandard TLAC jiġi integrat fir-regoli eżistenti dwar l-MREL u jiġi żgurat li ż-żewġ rekwiżiti jiġu sodisfatti permezz ta’ strumenti pjuttost simili. Dan l-approċċ jeħtieġ l-introduzzjoni ta’ aġġustamenti limitati għar-regoli eżistenti dwar l-MREL sabiex tiġi żgurata konsistenza teknika mal-istruttura ta’ kwalunkwe rekwiżit futur għall-G-SIIs.

---

3 Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 tat-23 ta’ Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-iffissar tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, ĠU L 237, 3.9.2016, p. 1

4 FSB, *Principles on Loss-absorbing and Recapitalisation Capacity of Globally Systemically Important Banks (G-SIBs) in Resolution, Total Loss-absorbing Capacity (TLAC) Term sheet*, 9.11.2015

5 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “*Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja”*, 24.11.2015, COM(2015) 587 final.

6 https://www.eba.europa.eu/documents/10180/1360107/EBA+Interim+report+on+MREL

B'mod partikolari, hemm bżonn ta' emendi tekniki xierqa ulterjuri għar-regoli eżistenti dwar l-MREL sabiex dawn jiġu allinjati mal-istandard TLAC fir-rigward ta' fost oħrajn id-denominaturi użati għall-kejl tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf, l-interazzjoni ma' rekwiżiti ta' bafer kapitali, id-divulgazzjoni ta' riski lill-investituri u l-applikazzjoni tagħhom fir-rigward ta' strateġiji differenti ta' riżoluzzjoni. Waqt l-implimentazzjoni tal-istandard TLAC għall-G-SIIs, l-approċċ tal-Kummissjoni mhuwiex ser jaffettwa b'mod materjali l-piż ta' istituzzjonijiet li mhumiex G-SIIs biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar l-MREL.

Operazzjonalment, il-livell minimu armonizzat tal-istandard TLAC ser jiġi introdott fl-Unjoni permezz ta' emendi għar-Regolament u għad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR u CRD)[7] filwaqt li s-supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjonijiet għall-G-SIIs u l-MREL speċifiku għall-istituzzjonijiet għal dawk li mhumiex G-SIIs ser tiġi trattata permezz ta' emendi mmirati għall-BRRD u għall-SRMR. Bħala tali, din il-proposta hija parti minn pakkett usa' ta' reviżjoni tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqsu r-riskji fis-settur finanzjarju (reviżjoni tas-CRR/CRD) u jagħmluh aktar reżiljenti.

Din il-proposta tkopri speċifikament l-emendi mmirati għall-SRMR relatati mal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni. Din il-proposta ser tapplika għall-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) u għall-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) meta jwaqqfu u jimplimentaw ir-rekwiżiti dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' ditti finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni Bankarja.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-qafas eżistenti tal-Unjoni għar-riżoluzzjoni tal-banek diġà teħtieġ li l-banek Ewropej kollha jżommu ammont suffiċjenti ta' obbligazzjonijiet b'kapaċità kbira ta' assorbiment tat-telf (kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna). Billi tallinja r-rekwiżiti eżistenti għall-G-SIIs mal-istandard TLAC globali, il-proposta ser ittejjeb u tiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti. Għalhekk, il-proposta hija konsistenti mal-objettiv ġenerali tal-qafas tal-Unjoni għar-riżoluzzjoni tal-banek biex jitnaqqas l-appoġġ tal-kontribwenti fir-riżoluzzjoni tal-banek. Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni għall-emenda tal-BRRD fir-rigward tar-regoli dwar l-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni tal-banek li japplikaw fl-Unjoni kollha.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn reviżjoni usa' tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqsu r-riskji fis-settur finanzjarju filwaqt li tippromwovi finanzjament sostenibbli tal-attività ekonomika. Hija kompletament konsistenti mal-miri fundamentali tal-UE dwar il-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja, it-tnaqqis tal-appoġġ tal-kontribwenti fir-riżoluzzjoni tal-banek, kif ukoll tikkontribwixxi għal finanzjament sostenibbli tal-ekonomija.

[7] Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1). Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• **Bażi ġuridika**

Ir-Regolament propost jemenda Regolament eżistenti, l-SRMR. Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-istess bħall-bażi ġuridika tal-SRMR, li hija l-Artikolu 114 tat-TFUE. Dik id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li l-objettiv tagħhom huwa t-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern.

Il-proposta tarmonizza l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-SRM dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tagħhom f'riżoluzzjoni, sal-limitu meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-SRB u l-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti u l-banek stabbiliti fl-Unjoni Bankarja jkollhom l-istess għodod u kapaċità biex jindirizzaw il-fallimenti tal-banek b'mod konformi mal-istandards internazzjonali miftiehma (l-istandard TLAC).

Billi twaqqaf rekwiżiti armonizzati għall-banek fl-Istati Membri parteċipanti fl-SRM, il-proposta tnaqqas b'mod konsiderevoli r-riskju ta' regoli nazzjonali diverġenti f'dawk l-Istati Membri dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni fir-riżoluzzjoni, li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. Għalhekk, l-objettiv tal-proposta huwa t-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern.

Għalhekk l-Artikolu 114 tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika xierqa.

• **Sussidjarjetà**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5.3 tat-TUE, f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u safejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, la fil-livell ċentrali u lanqas fil-livell reġjonali u lokali, iżda jkunu jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari l-Istati Membri parteċipanti fl-SRM, huma impenjati li jimplimentaw standards internazzjonali. Fin-nuqqas ta' xi azzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri kien ikollhom jimplimentaw huma stess l-istandard TLAC globali fil-ġurisdizzjonijiet propji mingħajr il-possibbiltà tal-emenda tal-qafas eżistenti li jirriżulta mill-BRRD u mill-SRMR. Bħala riżultat, fid-dawl ta' differenzi importanti bejn l-istandard TLAC u l-qafas eżistenti kif ukoll l-interpretazzjonijiet diverġenti possibbli tad-dokument dwar il-kondizzjonijiet tat-TLAC min-naħa tar-regolaturi nazzjonali, il-banek, b'mod partikolari l-G-SIIs, kienu jkunu soġġetti għal żewġ rekwiżiti paralleli (bl-applikazzjoni differenti tar-rekwiżit innifsu dwar it-TLAC fi Stati Membri differenti), li jimplika spejjeż addizzjonali kemm għall-banek u għall-awtoritajiet pubbliċi (l-awtoritajiet ta' sorveljanza u ta' riżoluzzjoni). Għalhekk, hija mixtieqa azzjoni tal-Unjoni sabiex l-istandard TLAC globali jiġi implimentat b'mod armonizzat fl-Istati Membri parteċipanti fl-SRM u biex il-qafas eżistenti jiġi allinjat ma' dak l-istandard sabiex kemm jista' jkun jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità tal-banek u tal-awtoritajiet pubbliċi filwaqt li tiġi żgurata riżoluzzjoni effettiva fil-każ ta' fallimenti tal-banek.

• **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha, b'mod konsistenti mal-objettivi ġenerali tat-Trattati.

Filwaqt li timplimenta t-TLAC għall-G-SIIs globali, il-proposta mhijiex sejra taffettwa b'mod materjali l-piż fuq il-banek sabiex jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni minħabba li l-proposta ma testendix l-applikazzjoni tal-livell minimu tat-TLAC lil hinn minn G-SIIs. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira l-proposta tillimita l-ispejjeż tal-banek, b'mod partikolari għall-G-SIIs, biex jikkonformaw mal-istandard TLAC billi safejn ikun possibbli tallinja r-regoli eżistenti ma' dak l-istandard. Fl-aħħar nett, il-proposta ma testendix l-applikazzjoni tal-livell minimu tat-TLAC lil hinn minn G-SIIs. Għall-kuntrarju, fil-każ ta' dawk li mhumiex G-SIIs, il-proposta żżomm il-prinċipju ġenerali eżistenti li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ifasslu l-kwalità u l-livell tar-rekwiżit dwar l-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni għal kull bank speċifiku abbażi tar-riskju, tad-daqs u tal-interkonnettività tiegħu kif ukoll abbażi tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Fir-rigward ta' G-SIIs li huma soġġetti għal-livell minimu tat-TLAC, qabel ma teħtieġ kwalunkwe supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjoni, il-proposta titlob lill-SRB u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jivvalutaw jekk din is-supplimentazzjoni hijiex meħtieġa, proporzjonata u ġustifikata. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-proposta huma proporzjonati għal dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba li hija parti minn pakkett usa' ta' reviżjoni tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-Unjoni mmirata lejn it-tnaqqis tar-riskji fis-settur finanzjarju (reviżjoni tas-CRR/CRD), il-proposta ġiet soġġetta għal valutazzjoni estensiva tal-impatt. L-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni fis-7 ta' Settembru 2016[8]. Il-Bord ħareġ opinjoni negattiva fi [data]. Wara li saħħaħ il-bażi ta' evidenza għal ċerti elementi tal-pakkett ta' reviżjoni, il-Bord ħareġ opinjoni pożittiva fis-27 ta' Settembru 2016.

F'konformità mal-politika tagħha ta' "Regolamentazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt ta' diversi alternattivi ta' politika. L-alternattivi ta' politika ġew ivvalutati skont l-objettivi ewlenin tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek f'riżoluzzjoni u ċ-ċertezza tad-dritt u l-koerenza tal-qafas ta' riżoluzzjoni. Il-valutazzjoni twettqet billi tqieset l-effikaċja tal-kisba tal-objettivi msemmija hawn fuq u l-kosteffiċjenza tal-implimentazzjoni tal-għażliet ta' politika differenti.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni, fil-valutazzjoni tal-impatt ġew ikkunsidrati tliet għażliet ta' politika. Taħt l-ewwel għażla, il-BRRD u l-SRMR jibqgħu japplikaw fil-forma attwali tagħhom. Taħt it-tieni għażla, l-istandard TLAC għall-G-SIIs jiġi integrat fil-qafas ta' riżoluzzjoni eżistenti, filwaqt li dak il-qafas jiġi emendat kif jixraq sabiex tiġi żgurata kompatibbiltà sħiħa mal-istandard TLAC. It-tielet għażla ta' politika pproponiet l-estensjoni addizzjonali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-livell minimu tat-TLAC għal istituzzjonijiet finanzjarji sistemiċi fl-Unjoni (O-SIIs) minbarra G-SIIs. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li t-tieni għażla ta' politika hija dik li l-aħjar tissodisfa l-objettivi rilevanti ta' politika. B'mod partikolari, kuntrarjament għall-ewwel għażla, tipprovdi implimentazzjoni armonizzata tal-istandard TLAC għall-G-SIIs kollha tal-Unjoni billi tnaqqas l-ispejjeż tagħhom għall-konformità ma' potenzjalment żewġ rekwiżiti differenti (l-istandard TLAC u l-BRRD u l-SRMR eżistenti) filwaqt li tipprovdi għal interpretazzjoni konsistenti tad-dokument dwar il-kondizzjonijiet tat-TLAC fl-UE. Din l-għażla ser iżżid ir-riżolvibilità tal-G-SIIs fl-

8 [Link mal-Valutazzjoni tal-Impatt u mas-sommarju tagħha]

Unjoni u tevita effetti ta' kontaġju li jirriżultaw minn parteċipazzjoni inkroċjata tal-G-SIIs permezz ta' regoli speċifiċi dwar l-istandard TLAC li attwalment mhumiex ipprovduti fil-BRRD u fl-SRMR (jiġifieri l-livell minimu tat-TLAC fil-forma ta' strumenti tad-dejn subordinat, tnaqqis ta' parteċipazzjoni inkroċjata ta' strumenti eliġibbli tat-TLAC miżmuma minn G-SIIs). Din l-għażla ser tiżgura li l-istandard TLAC jiġi implimentat fl-Unjoni, li dan għandu jsaħħaħ l-aspettattiva fuq ġurisdizzjonijiet oħrajn biex jagħmlu l-istess bil-għan li tissaħħaħ ir-riżolvibilità ta' G-SIBs madwar id-dinja. Min-naħa l-oħra, din l-għażla ta' politika hija aħjar mit-tielet għażla minħabba li mhijiex ser ikollha l-iżvantaġġ li l-livell minimu tat-TLAC jiġi estiż lil banek oħra minbarra G-SIIs (O-SIIs), li għalihom dak il-livell ta' rekwiżit minimu tat-TLAC jista' ma jidhirx li huwa kkalibrat tajjeb fid-dawl tad-diversità kbira tagħhom f'termini ta' daqs, il-mudell tan-negozju, l-interkonnettività u l-importanza sistemika.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta hija konformi mad-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-propjetà u l-libertà ta' impriża, u għandha tiġi implimentata skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jiżgura li l-interferenza mad-drittijiet ta' proprjetà tal-kredituri tal-bank ma għandhiex tkun sproporzjonata. Il-kredituri milquta ma għandhomx iġarrbu iktar telf minn dak li kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata taħt proċedimenti normali ta' insolvenza fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kif ġie spjegat hawn fuq, l-emendi għas-CRR, li huwa parti mill-istess pakkett leġiżlattiv ser jinkludu r-regoli dwar ir-rekwiżit minimi tat-TLAC għall-G-SIIs filwaqt li din il-proposta tittratta s-supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjonijiet għall-G-SIIs u r-rekwiżiti ġenerali applikabbli għall-banek stabbiliti fl-Unjoni Bankarja. Din il-proposta tintroduċi għadd ta' emendi mmirati għall-SRMR eżistenti.

*Emendi għall-Artikoli 3, 8 u 9 tal-SRMR*

L-istandard TLAC u l-BRRD flimkien mal-SRMR jirrikonoxxu kemm l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tal-Punt Uniku ta' Dħul (SPE) u tad-Diversi Punti ta' Dħul (MPE). Skont l-istrateġija SPE, tiġi riżolta biss entità unika tal-grupp (ġeneralment dik prinċipali) filwaqt li entitajiet oħra tal-grupp (ġeneralment sussidjarji operattivi) ma jitpoġġewx f'riżoluzzjoni, iżda jgħaddu t-telf tagħhom 'il fuq lill-entità li ser tiġi riżolta. Skont l-istrateġija MPE, tista' tiġi riżolta aktar minn entità waħda. Huwa importanti li jkun hemm identifikazzjoni ċara tal-entitajiet li ser jiġi riżolti ('entitajiet ta' riżoluzzjoni') u tas-sussidjarji li jappartjenu għalihom ('gruppi ta' riżoluzzjoni') sabiex l-istrateġija ta' riżoluzzjoni mixtieqa tiġi applikata b'mod effikaċi. Barra minn hekk, din l-identifikazzjoni hija rilevanti wkoll għad-determinazzjoni tal-livell ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni li magħhom id-ditti finanzjarji għandhom jikkonformaw. Għal din ir-raġuni, l-emendi għall-Artikolu 3 tal-SRMR jintroduċu l-kunċetti ta' 'entità ta' riżoluzzjoni' u

ta' "grupp ta' riżoluzzjoni". L-emendi għall-Artikoli 8 u 9 li jittrattaw l-ippjanar tar-riżoluzzjoni ta' grupp jirrikjedu espliċitament lill-Bord biex jidentifika l-entitajiet ta' riżoluzzjoni u l-gruppi ta' riżoluzzjoni fi ħdan grupp finanzjarju u jqis kif jixraq l-implikazzjonijiet ta' kwalunkwe azzjoni ppjanata ta' riżoluzzjoni fi ħdan il-grupp sabiex tiġi żgurata riżoluzzjoni effikaċi tal-grupp.

*Emendi għall-Artikolu 12 tal-SRMR*

L-Artikolu 12 huwa mħassar u ġie sostitwit bid-dispożizzjonijiet il-ġodda li ġejjin: L-Artikoli 12, 12a, 12b, 12c, 12d, 12e, 12f, 12g, 12h, 12i u 12j.

L-Artikolu 12 jiddetermina l-qafas istituzzjonali f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli billi jissottolinja r-rwoli rispettivi tal-SRB, tal-awtoritajiet nazzjonali u kompetenti ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri parteċipanti.

Attwalment, ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ('l-MREL') speċifiku għall-istituzzjonijiet jiġi mkejjel bħala perċentwal tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni. L-Artikolu 12a emendat jallinja l-metriċi tal-kejl tal-MREL ma' dawk tar-rekwiżit minimu armonizzat għall-G-SIIs kif previst mill-istandard TLAC ('ir-rekwiżit minimu tat-TLAC'). Għalhekk, ir-rekwiżit speċifiku għall-istituzzjoni għandu jiġi espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju u tal-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni rilevanti.

L-Artikolu 12b iżomm l-eżenzjoni eżistenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarji mill-MREL bil-kundizzjoni li insolvenza nazzjonali jew proċeduri simili jippermettu assorbiment effettiv tat-telf mill-kredituri li jissodisfa l-objettivi tar-riżoluzzjoni. Jiċċara wkoll li istituzzjonijiet li huma eżentati mill-MREL ma għandhomx ikunu parti mir-rekwiżit ta' konsolidazzjoni globali fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

L-Artikolu 12c jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-istrumenti u għall-oġġetti li jistgħu jitqiesu bħala li jissodisfaw l-MREL billi jallinjahom mill-qrib mal-kriterji ta' eliġibbiltà pprovduti fl-istandard TLAC għar-rekwiżit minimu tat-TLAC. Għalhekk, dawn il-kriterji huma identiċi bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin.

F'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti koperti, ċerti strumenti b'karatteristiċi tad-derivattivi, bħal noti strutturati, huma eliġibbli bħala li jissodisfaw l-MREL minħabba l-kapaċità suffiċjenti tagħhom ta' assorbiment tat-telf f'riżoluzzjoni. Noti strutturati huma obbligi ta' dejn b'komponent ta' derivattiv inkorporat. Ir-redditu tagħhom jiġi aġġustat għall-prestazzjoni tal-assi ta' referenza bħal ekwità unika, indiċi ta' ekwità, fondi, rati ta' imgħax, komoditajiet jew muniti. L-Artikolu 12c jiċċara li noti strutturati huma eliġibbli għall-MREL sakemm dawn ikollhom somma kapitali ewlenija li tinfeda mal-maturità filwaqt li redditu addizzjonali biss huwa marbut ma' derivattiv u jiddependi fuq il-prestazzjoni ta' assi ta' referenza. Ir-*razzjonal* għal dan huwa li l-ammont fiss tas-somma kapitali ewlenija jkun magħruf minn qabel fil-ħin tal-ħruġ, il-valur tiegħu jibqa' stabbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tan-nota strutturata u jista' faċilment jiġi soġġett għal rikapitalizzazzjoni interna waqt riżoluzzjoni.

Taħt l-istandard TLAC, ir-rekwiżit minimu tat-TLAC għandu jiġi sodisfatt l-aktar bl-użu ta' strumenti tad-dejn subordinat li fl-insolvenza jikklassifikaw taħt obbligazzjonijiet prijoritarji espliċitament esklużi mir-rekwiżit minimu tat-TLAC, bħal depożiti koperti, derivattivi, obbligazzjonijiet fiskali jew obbligazzjonijiet oħra relatati mad-dritt pubbliku. Biex jiġi sodisfatt l-MREL speċifiku għall-istituzzjoni, attwalment l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jistgħu

jeħtieġu s-subordinazzjoni ta' strumenti ta' dejn eliġibbli fuq bażi ta' każ b'każ. Id-dispożizzjonijiet ġodda tal-Artikolu 12c jispeċifikaw ukoll li s-subordinazzjoni tista' tintalab sakemm din tkun meħtieġa sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, b'mod partikolari meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari li l-kredituri soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna x'aktarx sejrin iġarrbu telf fir-riżoluzzjoni li jaqbeż it-telf potenzjali tagħhom f'każ ta' insolvenza u biss sal-punt neċessarju biex tiġi koperta l-parti tat-telf 'il fuq mit-telf probabbli f'każ ta' insolvenza. Kwalunkwe subordinazzjoni rikjesta mill-Bord għall-MREL speċifiku għall-istituzzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li r-rekwiżit minimu tat-TLAC jiġi parzjalment sodisfatt bi strumenti ta' dejn mhux subordinat skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u f'konformità mal-istandard TLAC.

L-Artikolu 12d jispeċifika l-kundizzjonijiet għad-determinazzjoni tal-MREL għall-entitajiet kollha mill-Bord. Ir-rekwiżit għandu jippermetti li l-banek jassorbu t-telf mistenni f'riżoluzzjoni u jirrikapitalizzaw il-bank wara r-riżoluzzjoni. Il-Bord għandu jiġġustifika kif xieraq il-livell tal-MREL impost abbażi tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Bħala tali, dak il-livell ma għandux jaqbeż is-somma tal-ammont ta' telf mistenni fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżiti ta' fondi propji tal-istituzzjonijiet u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li wara r-riżoluzzjoni l-entità tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji meħtieġa għall-awtorizzazzjoni tagħha biex tkompli bl-attivitajiet tagħha taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. L-MREL għandu jiġi espress bħala perċentwal tal-iskopertura totali tar-riskju u l-kejl tal-proporzjon ta' ingranaġġ, u l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw il-livell li jirriżulta miż-żewġ kalkoli ta' kejl.

Fir-rigward tal-G-SIIs, l-Artikolu 12e jispeċifika li supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjoni għal-livell minimu tat-TLAC kif previst fl-istandard TLAC tista' tiġi imposta biss fejn dak il-minimu ma jkunx biżżejjed biex jiġi assorbit it-telf u tiġi rikapitalizzata G-SII taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Id-deċiżjoni tal-Bord li jimponi tali supplimentazzjoni għandha tkun ġustifikata kif xieraq.

Bħal fil-każ tal-proposta li temenda s-CRD, fl-Artikolu 12f din il-proposta tintroduċi l-kunċett ta' 'gwida'. Dan jippermetti lill-Bord li jeżiġi li istituzzjonijiet jissodisfaw livelli ogħla tal-MREL filwaqt li jiġi indirizzat b'mod aktar flessibbli kwalunkwe ksur ta' dawk il-livelli, b'mod partikulari billi jittaffew l-effetti awtomatiċi ta' tali ksur fil-forma ta' limitazzjonijiet għall-Ammonti Massimi Distribwibbli (MDAs). B'mod partikolari, l-Artikolu 12f jippermetti lill-Bord li jeżiġi li istituzzjonijiet jissodisfaw ammonti addizzjonali biex jiġi kopert it-telf f'riżoluzzjoni li huwa ogħla minn dak mistenni taħt xenarju standard ta' riżoluzzjoni (jiġifieri 'il fuq mil-livell tar-rekwiżiti eżistenti ta' fondi proprji) u tiġi żgurata fiduċja suffiċjenti tas-suq fl-entità wara r-riżoluzzjoni (jiġifieri minbarra l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni meħtieġ). Madankollu, l-Artikolu 12F jispeċifika li fir-rigward tal-parti tal-MREL marbuta mal-assorbiment tat-telf, il-livell tal-gwida ma għandux jaqbeż il-livell tal-"gwida kapitali" meta din il-gwida tkun mitluba mill-awtoritajiet ta' sorveljanza taħt simulazzjoni ta' kriżi superviżorja sabiex tagħmel tajjeb għal telf 'il fuq minn rekwiżiti normali. Għall-parti tar-rikapitalizzazzjoni, il-livell tal-gwida sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tas-suq għandu jippermetti li wara r-riżoluzzjoni l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal perjodu xieraq ta' żmien. Dan il-bafer għall-fiduċja tas-suq ma għandux jaqbeż ir-rekwiżit tal-bafer kapitali kombinat skont id-Direttiva 2013/36/UE sakemm ma jkunx hemm bżonn ta' livell ogħla sabiex jiġi żgurat li, wara l-avveniment ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perjodu xieraq.

L-Artikoli 12g u 12h jittrattaw il-livell ta' applikazzjoni tal-MREL. Fir-rigward tal-istituzzjonijiet li jikkwalifikaw bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-MREL japplika għalihom

biss fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni. Dan ifisser li fil-każ li l-entità ta' riżoluzzjoni (jiġifieri l-grupp ta' riżoluzzjoni) tidħol f'riżoluzzjoni, l-entitajiet ta' riżoluzzjoni ser ikunu obbligati joħorġu strumenti eliġibbli (ta' dejn) lil kredituri esterni terzi li jkunu soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna. Fir-rigward ta' entitajiet oħra tal-grupp, il-proposta tintroduċi l-kunċett ta' MREL 'intern' li huwa konformi ma' kunċett simili introdott mill-istandard TLAC. Dan ifisser li l-entitajiet oħra fi grupp ta' riżoluzzjoni li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom joħorġu strumenti eliġibbli (ta' dejn) internament fi ħdan il-grupp ta' riżoluzzjoni, jiġifieri dawk l-istrumenti għandhom jinxtraw minn entitajiet ta' riżoluzzjoni. Fejn entità fi grupp ta' riżoluzzjoni li hija nnifisha mhijiex entità ta' riżoluzzjoni tilħaq il-punt ta' nonvijabilità, dawn l-istrumenti jiġu sottoposti għal tniżżil fil-valur jew jiġu konvertiti f'ekwità u mbagħad it-telf ta' dik l-entità jiġi mgħoddi 'l fuq lill-entità ta' riżoluzzjoni. Il-vantaġġ ewlieni tal-MREL intern huwa li jippermetti r-rikapitalizzazzjoni ta' entità fi grupp ta' riżoluzzjoni (b'funzjonijiet kritiċi) mingħajr ma jpoġġiha f'riżoluzzjoni formali, li potenzjalment jista' jkollha effetti ta' tfixkil fuq is-suq. Madankollu l-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit għandha tikkonforma mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula, b'mod partikolari, ma għandhiex tbiddel ir-relazzjoni ta' sjieda bejn l-entità u l-grupp ta' riżoluzzjoni tagħha wara r-rikapitalizzazzjoni tagħha. Il-proposta tispeċifika wkoll li, taħt ċerti salvagwardji, l-MREL intern jista' jiġi sostitwit b'garanziji kollateralizzati bejn l-entità ta' riżoluzzjoni u entitajiet oħra fi grupp ta' riżoluzzjoni li jistgħu jiġu skattati taħt il-kundizzjonijiet ta' twaqqit ekwivalenti tal-istrumenti eliġibbli għall-MREL intern. Is-salvagwardji proposti jinkludu, b'mod partikolari, il-ftehim tal-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni rilevanti biex l-MREL intern u l-kollateralizzazzjoni tal-garanzija mogħtija minn entità ta' riżoluzzjoni lis-sussidjarja tagħha jiġu sostitwiti b'kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq.

L-Artikolu 12i jispeċifika li, taħt ċerti salvagwardji, il-Bord jista' jirrinunzja għall-MREL intern ta' kumpanija sussidjarja jekk kemm il-kumpanija sussidjarja u l-entità prinċipali ta' riżoluzzjoni jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti.

L-emendi fl-Artikolu 12g jittrattaw ksur tal-MREL. L-Artikolu 12g jelenka s-setgħat disponibbli għall-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni fil-każ ta' ksur tal-MREL. Peress li ksur tar-rekwiżit jista' jikkostitwixxi impediment għar-riżolvibilità ta' istituzzjoni jew ta' grupp, l-emendi għall-Artikolu 10 jqassru l-proċedura eżistenti sabiex jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibilità sabiex kwalunkwe ksur tar-rekwiżit jiġi indirizzat b'mod espedjenti. Jintroduċu wkoll setgħat ġodda għall-Bord sabiex jitlob modifiki fil-profili ta' maturità ta' strumenti eliġibbli u pjanijiet mill-istituzzjonijiet biex ireġġgħu lura l-livell tal-MREL.

*Emendi għall-Artikoli 16, 18, 20 u 21*

L-emendi għall-Artikolu 16, 18, 20 u 21 jiżguraw li fejn entità fi grupp ta' riżoluzzjoni li hija nnifisha mhijiex entità ta' riżoluzzjoni tilħaq il-punt ta' nonvijabilità, il-Bord jista' jniżżel il-valur ta' strumenti eliġibbli għall-MREL intern minbarra strumenti kapitali (eż. strumenti ta' dejn) maħruġa minnha jew jikkonvertihom f'ekwità.

2016/0361 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-Kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' Rikapitalizzazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Novembru 2015, il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) ippubblika d-Dokument dwar il-Kondizzjonijiet tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) ('l-istandard TLAC), li ġie approvat mill-G-20 f'Novembru 2015. L-istandard TLAC jeħtieġ li banek globali ta' importanza sistemika ('G-SIBs'), magħrufa bħala istituzzjonijiet globali sistemiċi (G-SIIs) fil-qafas tal-Unjoni, jżommu ammont minimu suffiċjenti ta' obbligazzjonijiet b'kapaċità kbira ta' assorbiment tat-telf (kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna) biex jiġi żgurat assorbiment bla xkiel u mgħaġġel tat-telf u rikapitalizzazzjoni f'riżoluzzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Novembru 2015[11], il-Kummissjoni impenjat ruħha li sal-aħħar tal-2016 tressaq proposta leġislattiva sabiex l-istandard TLAC ikun jista' jiġi implimentat sal-iskadenza miftiehma internazzjonalment tal-2019.

(2) L-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fl-Unjoni trid tqis ir-rekwiżit minimu eżistenti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) speċifiku għall-istituzzjonijiet

---

[9] ĠU C […], […], p. […].

[10] ĠU C […], […], p. […].

[11] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "*Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja*", 24.11.2015, COM(2015) 587 final.

applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment kollha tal-Unjoni kif stabbilit fid-Direttiva 2014/59/UE tal-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill[12]. Peress li t-TLAC u l-MREL jsegwu l-istess objettiv li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkollhom kapaċità biżżejjed ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni, iż-żewġ rekwiżiti għandhom ikunu elementi kumplimentari ta' qafas komuni. Operazzjonalment, huwa meħtieġ li l-livell minimu armonizzat tal-istandard TLAC għall-G-SIIs ('ir-rekwiżit minimu tat-TLAC') jiġi introdott fil-leġislazzjoni tal-Unjoni permezz ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013[13], filwaqt li s-supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjonijiet għall-G-SIIs u r-rekwiżit speċifiku għall-istituzzjonijiet għal dawk li mhumiex G-SIIs, magħruf bħala r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, għandhom jiġu indirizzati permezz ta' emendi mmirati għad-Direttiva 2014/59/UE u għar-Regolament (UE) Nru 806/2014[14]. Huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk fil-partijiet ta' leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq u fid-Direttiva 2013/36/UE[15] b'mod konsistenti

(3) In-nuqqas ta' regoli armonizzati fl-Istati Membri parteċipanti fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC joħloq spejjeż addizzjonali u inċertezza legali għall-istituzzjonijiet u jagħmel l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna għal istituzzjonijiet transfruntiera aktar diffiċli. In-nuqqas ta' regoli armonizzati tal-Unjoni jwassal ukoll għal distorsjonijiet kompetittivi fis-suq intern peress li l-kosti għall-istituzzjonijiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti eżistenti u mal-istandard TLAC jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri parteċipanti. Għalhekk hemm bżonn li jitneħħew dawn l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw min-nuqqas ta' regoli armonizzati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC. Konsegwentement, il-bażi ġuridika adatta għal dan ir-Regolament hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif interpretat f'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(4) F'konformità mal-istandard TLAC, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 għandu jkompli jirrikonoxxi l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tal-Punt Uniku ta' Dħul (SPE) u tad-Diversi Punti ta' Dħul (MPE). Skont l-istrateġija SPE, tiġi riżolta biss entità unika fi grupp, ġeneralment dik prinċipali, filwaqt li entitajiet oħra tal-grupp, ġeneralment sussidjarji operattivi, ma jitpoġġewx f'riżoluzzjoni, iżda jgħaddu t-telf tagħhom 'il fuq lill-entità li ser tiġi riżolta. Skont l-istrateġija MPE, tista' tiġi riżolta aktar minn entità waħda fi grupp. Huwa importanti li jkun hemm identifikazzjoni ċara tal-entitajiet li ser

12 Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190

13 Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013, p.1

14 Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1

15 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338

jiġu riżolti (‘entitajiet ta’ riżoluzzjoni’) u tas-sussidjarji li jappartjenu għalihom (‘gruppi ta’ riżoluzzjoni’) sabiex tiġi applikata l-istrateġija ta’ riżoluzzjoni mixtieqa. Dik l-identifikazzjoni hija rilevanti wkoll għad-determinazzjoni tal-livell ta’ applikazzjoni tar-regoli dwar il-kapaċità ta’ assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni li għandhom japplikaw id-ditti finanzjarji. Għalhekk jeħtieġ li jiġu introdotti l-kunċetti ta’ ‘entità ta’ riżoluzzjoni’ u ta’ ‘grupp ta’ riżoluzzjoni’ u li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni ta’ grupp sabiex il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (‘il-Bord’) jintalab espliċitament jidentifika l-entitajiet ta’ riżoluzzjoni u l-gruppi ta’ riżoluzzjoni fi ħdan grupp u jqis l-implikazzjonijiet ta’ kwalunkwe azzjoni ta’ riżoluzzjoni ppjanata fi ħdan il-grupp b’mod xieraq sabiex tiġi żgurata riżoluzzjoni effikaċi ta’ grupp.

(5) Huwa meħtieġ li l-Bord jiżgura li l-istituzzjonijiet ikollhom biżżejjed kapaċità ta’ assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni sabiex jiġi żgurat assorbiment mingħajr xkiel u mgħaġġel tat-telf u rikapitalizzazzjoni waqt riżoluzzjoni b’impatt minimu fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq il-kontribwenti. Dak għandu jinkiseb permezz ta’ konformità mill-istituzzjonijiet ma’ rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli speċifiku għall-istituzzjonijiet kif previst fir-Regolament (UE) Nru 806/2014.

(6) Sabiex id-denominaturi li jkejlu l-kapaċità ta’ assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet jiġu allinjati ma’ dawk previsti fl-istandard TLAC, huwa meħtieġ li l-MREL jiġi espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju u tal-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon ta’ ingranaġġ tal-istituzzjoni relevanti.

(7) Huwa meħtieġ li l-kriterji ta’ eliġibbiltà għal obbligazzjonijiet għall-MREL ikunu allinjati mill-qrib ma’ dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għar-rekwiżit minimu tat-TLAC, f’konformità mal-aġġustamenti kumplimentari u r-rekwiżiti introdotti f’dan ir-Regolament. B’mod partikolari, huwa meħtieġ li ċerti strumenti ta’ dejn b’komponent ta’ derivattiv inkorporat, bħal ċerti noti strutturati, ikunu eliġibbli bħala li jissodisfaw l-MREL sakemm dawn ikollhom ammont kapitali fiss li jinfeda mal-maturità filwaqt li redditu addizzjonali biss ikun marbut ma’ derivattiv u jiddependi fuq il-prestazzjoni ta’ assi ta’ referenza. Fid-dawl tal-ammont kapitali fiss tagħhom, huwa meħtieġ li dawk l-istrumenti jkollhom kapaċità kbira ta’ assorbiment tat-telf u jkunu jistgħu jiġu faċilment soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna waqt riżoluzzjoni.

(8) Il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ obbligazzjonijiet biex jissodisfaw l-MREL jinkludi, fil-prinċipju, l-obbligazzjonijiet kollha minn pretensjonijiet li jirriżultaw minn kredituri ordinarji mhux preferuti (obbligazzjonijiet mhux subordinati) sakemm ma jissodisfawx kriterji speċifiċi ta’ eliġibbiltà pprovduti f’dan ir-Regolament. Biex titjieb ir-riżolvibilità ta’ istituzzjonijiet permezz ta’ użu effettiv tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, huwa meħtieġ li l-Bord ikun jista’ jitlob li r-rekwiżit speċifiku għad-ditta jiġi sodisfatt permezz ta’ obbligazzjonijiet subordinati, b’mod partikolari meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari tal-probabbiltà li l-kredituri soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna sejrin iġarrbu telf waqt ir-riżoluzzjoni li jaqbeż it-telf potenzjali tagħhom f’insolvenza. Huwa meħtieġ li r-rekwiżit sabiex l-MREL jiġi sodisfatt b’obbligazzjonijiet subordinati jintalab biss għal livell neċessarju sabiex jiġi evitat li t-telf tal-kredituri waqt riżoluzzjoni jkun ogħla minn dak li kieku kienu jġarrbu taħt insolvenza. Huwa meħtieġ li kwalunkwe subordinazzjoni ta’ strument ta’

dejn rikjesta mill-Bord għall-MREL tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li r-rekwiżit minimu tat-TLAC jiġi parzjalment sodisfatt permezz ta' strumenti ta' dejn mhux subordinat skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u kif permess mill-istandard TLAC.

(9) Huwa meħtieġ li l-MREL jippermetti li l-istituzzjonijiet jassorbu t-telf mistenni f'riżoluzzjoni u li jirrikapitalizzaw l-istituzzjoni wara r-riżoluzzjoni. Huwa meħtieġ li l-Bord, abbażi tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula minnhom, jiġġustifika kif xieraq il-livell impost tal-MREL, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa u l-livell tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fl-ammont ta' rikapitalizzazzjoni. Bħala tali, huwa meħtieġ li dak il-livell ma jaqbiżx is-somma tal-ammont tat-telf mistenni fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżiti ta' fondi propji tal-istituzzjonijiet u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li wara r-riżoluzzjoni l-entità tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha meħtieġa sabiex tkun awtorizzata biex tkompli bl-attivitajiet tagħha taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Huwa meħtieġ li l-MREL jiġi espress bħala perċentwal tal-iskopertura totali tar-riskju u l-kejl tal-proporzjon ta' ingranaġġ, u l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw il-livelli li jirriżultaw miż-żewġ kalkoli ta' kejl. Huwa meħtieġ li l-Bord ikun jista' jaġġusta l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni f'każijiet ġustifikati kif dovut sabiex dawn ikunu jirrifletti b'mod adegwat ukoll ir-riskji akbar li jaffettwaw ir-riżolvibilità li tirriżulta mill-mudell ta' negozju, il-profil ta' finanzjament u l-profil ta' riskju globali tal-grupp ta' riżoluzzjoni u għalhekk f'ċirkostanzi daqstant limitati jirrekjedi li l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni li ssir referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12d(3) u (4) jiġu eċċeduti.

(10) Biex titjieb ir-riżolvibilità tagħhom, minbarra r-rekwiżit minimu tat-TLAC previst fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa meħtieġ li l-Bord ikun jista' jimponi MREL speċifiku għall-istituzzjoni fuq il-G-SIIs. Dak l-MREL speċifiku għall-istituzzjoni jista' jiġi impost biss fejn ir-rekwiżit minimu tat-TLAC ma jkunx biżżejjed biex jiġi assorbit it-telf u G-SII tiġi rikapitalizzata taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula.

(11) Meta jiġi stabbilit il-livell ta' MREL, huwa meħtieġ li l-Bord jikkunsidra l-grad ta' relevanza sistemika ta' istituzzjoni u l-impatt negattiv potenzjali tal-falliment tagħha fuq l-istabbiltà finanzjarja. Huwa meħtieġ li l-Bord jieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-G-SIIs u istituzzjonijiet oħra paragunabbli li jkollhom relevanza sistemika fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-MREL ta' istituzzjonijiet li ma jkunux identifikati bħala G-SIIs iżda li r-relevanza sistemika tagħhom fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti tkun paragunabbli mar-relevanza sistemika tal-G-SIIs ma jvarjax b'mod sproporzjonat mil-livell u l-għamla tal-MREL li ġeneralment ikun stabbilit għal G-SIIs.

(12) Bl-istess mod bħas-setgħat konferiti lill-awtoritajiet kompetenti mid-Direttiva 2013/36/UE, huwa meħtieġ li l-Bord jitħalla jimponi livelli ogħla tal-MREL filwaqt li jindirizza b'mod aktar flessibbli kwalunkwe ksur ta' dawk il-livelli, b'mod partikulari billi jittaffew l-effetti awtomatiċi ta' dak il-ksur fil-forma ta' limitazzjonijiet għall-Ammonti Massimi Distribwibbli ('MDAs'). Huwa meħtieġ li l-Bord ikun jista' jagħti gwida lill-istituzzjonijiet biex jissodisfaw ammonti addizzjonali biex jiġi kopert telf f'riżoluzzjoni li jkun 'il fuq mil-livell tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE, u/jew biex tiġi żgurata biżżejjed fiduċja tas-suq fl-istituzzjoni wara r-riżoluzzjoni. Biex tiġi żgurata konsistenza mad-Direttiva 2013/36/UE, gwida biex jiġi kopert telf addizzjonali tista'

tingħata biss meta l-'gwida kapitali' tkun intalbet mill-awtoritajiet kompetenti superviżorji skont id-Direttiva 2013/36/UE u ma għandhiex taqbeż il-livell mitlub f'dik il-gwida. Għall-ammont tar-rikapitalizzazzjoni, il-livell mitlub fil-gwida sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tas-suq imissu jippermetti lill-istituzzjoni li tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għal perjodu xieraq ta' żmien inkluż billi jippermetti lill-istituzzjoni sabiex tkopri l-ispejjeż relatati mar-ristrutturar tal-attivitajiet tagħha wara r-riżoluzzjoni. Huwa meħtieġ li dan il-bafer għall-fiduċja tas-suq ma jaqbiżx ir-rekwiżit ta' bafer kapitali kombinat skont id-Direttiva 2013/36/UE sakemm ma jkunx hemm bżonn ta' livell ogħla sabiex jiġi żgurat li, wara l-avveniment ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perjodu xieraq. Meta entità konsistentement tonqos milli jkollha fondi proprji addizzjonaoli u obbligazzjonijiet eliġibbli kif mistenni skont il-gwida, huwa meħtieġ li l-Bord ikun jista' jitlob li jiżdied l-ammont tal-MREL sabiex jiġi kopert l-ammont tal-gwida. Għall-fini tal-kunsiderazzjoni ta' jekk ikunx hemm falliment konsistenti, huwa meħtieġ li l-Bord jieħu f'kunsiderazzjoni r-rappurtar tal-entità dwar l-MREL, kif stabbilit bid-Direttiva 2014/59/UE.

(13) F'konformità mar-Regolament Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet li jikkwalifikaw bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-MREL biss fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni. Dak ifisser li l-entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu obbligati joħorġu strumenti u oġġetti eliġibbli biex jissodisfaw l-MREL lil kredituri esterni terzi li jkunu soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna fil-każ li l-entità ta' riżoluzzjoni tidħol f'riżoluzzjoni.

(14) Fuq livell individwali istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżit speċifiku għad-ditta. Ġeneralment il-ħtiġijiet ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi tagħhom permezz tal-akkwiżizzjoni mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn dawk l-istituzzjonijiet u t-tniżżil fil-valur jew il-konverżjoni tagħhom fi strumenti ta' sjieda meta dawk l-istituzzjonijiet ma jkunux għadhom vijabbli. Bħala tali, huwa meħtieġ li l-MREL applikabbli għal istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jiġi applikat flimkien u b'mod konsistenti mar-rekwiżiti applikabbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni. Dak għandu jippermetti li l-Bord jirriżolvi grupp ta' riżoluzzjoni mingħajr ma jpoġġi ċerti entitajiet sussidjarji tiegħu f'riżoluzzjoni, biex b'hekk jiġu evitati l-effetti potenzjalment ta' tfixkil fis-suq. Soġġett għall-kunsens tal-Bord, huwa meħtieġ li jkun possibbli li l-ħruġ ta' obbligazzjonijiet eliġibbli lil entitajiet ta' riżoluzzjoni jiġi sostitwit b'garanziji kollateralizzati bejn l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha, li jistgħu jiġu skattati meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' twaqqit ekwivalenti għal dawk li jippermettu t-tniżżil fil-valur jew il-konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli. Il-kollateral ta' appoġġ għall-garanzija għandu jkun ferm likwidu u għandu jkollu riskju minimu ta' kreditu jew tas-suq. Barra minn hekk huwa meħtieġ li l-Bord ikun kapaċi jirrinunzja għal kollox l-applikazzjoni tal-MREL applikabbli għal istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jekk kemm l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti.

(15) Huwa meħtieġ li l-applikazzjoni tal-MREL għal istituzzjonijiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni tkun konformi mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. B'mod partikolari, ma għandhiex tbiddel ir-relazzjoni ta' sjieda bejn l-istituzzjonijiet u l-

grupp ta' riżoluzzjoni tagħhom wara li dawk l-istituzzjonijiet ikunu ġew rikapitalizzati.

(16) L-awtoritajiet kompetenti, huwa meħtieġ li l-awtorità tar-riżoluzzjoni u l-Bord jindirizzaw u jirrimedjaw kif xieraq kwalunkwe ksur tar-rekwiżit minimu tat-TLAC u tal-MREL. Minħabba li ksur ta' dawk ir-rekwiżiti jista' jikkostitwixxi impediment għar-riżolvibilità ta' istituzzjoni jew ta' grupp, huwa meħtieġ li l-proċeduri eżistenti għat-tneħħija ta' impedimenti għar-riżolvibilità jitqassru sabiex kwalunkwe ksur ta' dawk ir-rekwiżiti jiġi indirizzat b'mod espedjenti. Barra minn hekk huwa meħtieġ li l-Bord ikun jista' jitlob lill-istituzzjonijiet sabiex jimmodifikaw il-profili ta' maturità ta' strumenti u ta' oġġetti eliġibbli u biex iħejju u jimplimentaw pjanijiet biex ireġġgħu lura l-livell ta' dawk ir-rekwiżiti.

(17) Dan ir-Regolament huwa konformi mad-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta, b'mod partikolari d-dritt għall-propjetà u l-libertà ta' impriża, u għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(18) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif ta' regoli komuni għall-fini tal-qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta dan ir-Regolament, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(19) Sabiex jitħalla żmien xieraq għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat [18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Emendi għar-Regolament (KE) Nru 806/2014. L-Artikolu 3(1) ġie emendat kif ġej:

(a) iddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(24A) 'entità ta' riżoluzzjoni' tfisser entità stabbilita fl-Unjoni identifikata mill-Bord skont l-Artikolu 8 bħala entità li fir-rigward tagħha l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi għal azzjoni ta' riżoluzzjoni;

(24b) 'grupp ta' riżoluzzjoni' tfisser grupp ta' entitajiet identifikati mill-Bord skont l-Artikolu 8, li huwa magħmul minn entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni u mhumiex sussidjarji ta' entità oħra ta' riżoluzzjoni;

(b) fil-punt (49), 'obbligazzjonijiet eliġibbli' huma sostitwiti b''obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna'.

iddaħħal il-punt (49a) li ġej:

‘(49a) ‘obbligazzjonijiet eliġibbli’ tfisser obbligazzjonijiet b’kapaċità ta’ rikapitalizzazzjoni interna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12c jew tal-punt (a) tal-Artikolu 12h(3).”.

2. Fl-Artikolu 7, il-punt (d) tal-paragrafu (3) ġie sostitwit b’dan li ġej:

'(d) it-twaqqif tal-livell tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, skont l-Artikoli 12 sa 12k’.

3. L-Artikolu 8 ġie emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (5) ġie sostitwit b’dan li ġej:

‘5. Il-pjan ta’ riżoluzzjoni għandu jistabbilixxi alternattivi għall-applikazzjoni tal-għodod ta’ riżoluzzjoni u għall-eżerċitar tas-setgħat ta’ riżoluzzjoni msemmija f’dan ir-Regolament għall-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.’.

(b) L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu (6) ġew sostitwiti b’dan li ġej:

‘Il-pjan ta’ riżoluzzjoni għandu jipprevedi l-azzjonijiet ta’ riżoluzzjoni li l-Bord jista’ jieħu meta entità msemmija fil-paragrafu 1 tissodisfa l-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni.

L-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 9 għandha tiġi żvelata lill-entità kkonċernata.’.

(c) il-punt (b) tal-paragrafu(9) ġie sostitwit b’dan li ġej:

‘(p) ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u strumenti subordinati skont l-Artikolu 12c, u skadenza biex jintlaħaq dak il-livell, fejn applikabbli,’;

(d) il-paragrafu (10) ġie sostitwit b’dan li ġej:

‘10 Il-pjanijiet ta’ riżoluzzjoni tal-grupp għandhom jinkludu pjan għar-riżoluzzjoni tal-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, immexxija mill-impriża prinċipali tal-Unjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti u għandhom jidentifikaw miżuri għar-riżoluzzjoni ta’:

(a) l-impriża prinċipali tal-Unjoni;

(b) is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li huma stabbiliti fl-Unjoni;

(c) l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(b); u

(d) soġġett għall-Artikolu 33, tas-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li huma stabbiliti barra mill-Unjoni.

Skont il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-pjan ta’ riżoluzzjoni għandu jidentifika dan li ġej għal kull grupp:

(a) l-entitajiet ta’ riżoluzzjoni;

(b) il-gruppi ta' riżoluzzjoni.';

(e) il-punti (a) u (b) tal-paragrafu (11) ġew sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti li għandhom jittieħdu b'rabta ma' entità ta' riżoluzzjoni fix-xenarji previsti fil-paragrafu 6 u l-implikazzjonijiet ta' tali azzjonijiet fir-rigward ta' entitajiet oħra tal-grupp, tal-impriża prinċipali u tal-istituzzjonijiet sussidjarji msemmija fil-paragrafu 1:

(a1) fejn grupp imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi aktar minn grupp wieħed ta' riżoluzzjoni, jistabbilixxi azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fir-rigward tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni u l-implikazzjonijiet ta' tali azzjonijiet fuq dawn it-tnejn li ġejjin:

(i) entitajiet oħra tal-grupp li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni ;

(ii) gruppi oħra ta' riżoluzzjoni;

(b) jeżamina sa liema punt l-għodod u s-setgħat ta' riżoluzzjoni jistgħu jiġu applikati għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Unjoni u eżerċitati b'mod koordinat, inklużi miżuri biex jiġi ffaċilitat ix-xiri minn parti terza tal-grupp sħiħ, jew ta' linji operatorji jew attivitajiet separati fornuti minn għadd ta' entitajiet tal-grupp, jew entitajiet partikolari tal-grupp jew gruppi ta' riżoluzzjoni, u jiġi identifikat kwalunkwe impediment potenzjali għal riżoluzzjoni koordinata;".

4. L-Artikolu 10 ġie emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (4) ġie sostitwit b'dan li ġej:

'4. Grupp għandu jitqies bħala riżolvibbli jekk ikun fattibbli u kredibbli għall-Bord li jew iwettaq stralċ tal-entitajiet tal-grupp skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew li jirriżolvihom billi japplika għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċita setgħat ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni filwaqt li, safejn ikun possibbli, tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva sinifikanti għas-sistemi finanzjarji, inkluż f'ċirkostanzi ta' instabilità finanzjarja usa' jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, tal-Istati Membri li fihom ikunu stabbiliti l-entitajiet tal-grupp, jew ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni u bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi mwettqa minn dawk l-entitajiet tal-grupp, meta jistgħu jiġu faċilment separati f'ħin opportun jew b'mezzi oħra.

Il-Bord għandu jinnotifika lill-EBA f'ħin opportun fejn grupp jitqies li mhuwiex riżolvibbli.

Fejn grupp ikun magħmul minn aktar minn grupp wieħed ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jivvaluta r-riżolvibilità ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni skont dan l-Artikolu.

Il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha ssir flimkien mal-valutazzjoni tar-riżolvibilità tal-grupp kollu'.

(b) Mal-paragrafu (7) żdied is-subparagrafu li ġej:

'Meta l-impediment għar-riżolvibilità tal-entità jew tal-grupp huwa dovut għal sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-Bord għandu jinnotifika lill-impriża prinċipali tal-Unjoni dwar il-valutazzjoni tiegħu ta' dak l-impediment.'

(c) Mal-paragrafu (9) żdied is-subparagrafu li ġej:

'Meta impediment għar-riżolvibilità huwa dovut għal sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 141a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-impriża prinċipali tal-Unjoni għandha tipproponi miżuri possibbli lill-Bord sabiex l-impediment identifikat skont l-ewwel subparagrafu jiġi indirizzat jew jitneħħa fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-wasla ta' notifika li tkun saret skont il-paragrafu 7. '

(d) Fil-punti (i) u (j) tal-paragrafu (11), l-'Artikolu 12' ġie sostitwit bl-'Artikoli 12g u bl-Artikolu 12h'.

(e) fil-paragrafu 11 żdiedu l-punti li ġejjin:

'(k) jeżiġi li entità tippreżenta pjan biex terġa' tiġi restawrata l-konformità mal-Artikoli 12g u 12h, u r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 128(6) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(l) jeżiġi li entità tbiddel il-profil ta' maturità tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 12c u fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 12h(3) sabiex tiġi żgurata konformità kontinwa mal-Artikolu 12g u mal-Artikolu 12h.'

5. L-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 ġie sostitwit bl-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 12*
*Determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Il-Bord għandu, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż mal-BĊE, jiddetermina r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikoli 12a sa 12i, soġġett għal setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni, li l-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(2) u, l-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(4)(b) u (5) meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-paragrafi, huma meħtieġa li jissodisfaw f'kull ħin.

2. Meta jabbozzaw pjanijiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 9, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, għandhom jiddeterminaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikoli 12a sa 12i, soġġett għas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni, li l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 7(3) huma meħtieġa jissodisfaw f'kull ħin. F'dak ir-rigward għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31.

3. Il-Bord għandu jieħu kwalunkwe determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, b'mod parallel mal-iżvilupp u maż-żamma tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 8.

4. Il-Bord għandu jindirizza d-determinazzjoni tiegħu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jimplimentaw l-istruzzjonijiet tal-Bord skont l-Artikolu 29. Il-Bord għandu jesiġi li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jivverifikaw u jiżguraw li l-istituzzjonijiet u l-impriżi prinċipali jżommu r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Bord għandu jinforma lill-BĊE u lill-EBA bir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jkun iddetermina għal kull istituzzjoni u impriża prinċipali skont il-paragrafu 1.

6. Sabiex tkun żgurata applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu joħroġ linji gwida u jindirizza struzzjonijiet lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali dwar entitajiet jew gruppi speċifiċi.

*Artikolu 12a*

*L-applikazzjoni u l-kalkolu tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Il-Bord u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) u 12(2) jissodisfaw, f'kull ħin, rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 12a sa 12i.

2. Dan ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 12d(3) jew (4) kif applikabbli, bħala l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli u jiġi espress bħala perċentwal ta':

   (a) l-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju tal-entità rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 ikkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

   (b) l-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju tal-entità rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 ikkalkulat skont l-Artikolu 429(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 12b*

*Eżenzjoni mir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Minkejja l-Artikolu 12a, il-Bord għandu jeżenta lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarju ffinanzjati minn bonds koperti li, skont il-liġi nazzjonali mhumiex permessi jirċievu depożiti, mir-rekwiżit imsemmi fl-artikolu 12a(1), meta l-kundizzjonijiet kollha segwenti jkunu sodisfatti:

   (a) dawk l-istituzzjonijiet ser jiġu stralċjati permezz ta' proċeduri nazzjonali ta' insolvenza, jew tipi oħra ta' proċeduri implimentati skont l-Artikolu 38, 40 jew 42 tad-Direttiva 2014/59/UE stabbiliti, previsti għal dawk l-istituzzjonijiet; u

(b) tali proċeduri nazzjonali ta' insolvenza, jew tipi oħra ta' proċeduri, ser jiżguraw li l-kredituri ta' dawk l-istituzzjonijiet, inklużi d-detenturi ta' bonds koperti fejn rilevanti, ser iġarrbu telf b'mod li jilħaq l-objettivi tar-riżoluzzjoni.

2. L-istituzzjonijiet li huma eżentati mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12(1) ma għandhomx ikunu parti mill-konsolidazzjoni msemmija fl-Artikolu 12g(1).

*Artikolu 12c*

*Obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni*

1. Obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jiġu inklużi fl-ammont tal-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni biss meta dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'72a(2), ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. B'deroga mill-punt (l) tal-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn strumenti ta' dejn b'karatteristiċi tad-derivattivi, bħal noti strutturati, għandhom jiġu inklużi fl-ammont tal-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli biss meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ammont partikolari tal-obbligazzjoni li jirriżulta mill-istrument ta' dejn ikun magħruf minn qabel fiż-żmien tal-ħruġ, ikun fiss u ma jkunx affettwat minn xi karatteristika tad-derivattivi;

(b) l-istrument ta' dejn, inkluż il-karatteristika tad-derivattivi tiegħu, ma jkunx soġġett għal xi ftehim ta' netting u l-valutazzjoni tiegħu ma tkunx soġġetta għall-Artikolu 49(3);

(c) L-obbligazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi inkluża biss fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-parti li tikkorrispondi mal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

3. Il-Bord, fuq inizjattiva propja u wara li jkun ikkonsulta mal-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali jew fuq proposta minn awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali, jista' jiddeċiedi li entitajiet ta' riżoluzzjoni jkunu ssodisfaw ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12g permezz ta' strumenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 72a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bil-għan li jiġi żgurat li l-entità ta' riżoluzzjoni tista' tiġi riżolta b'mod xieraq biex jintlaħqu l-objettivi tar-riżoluzzjoni.

Id-deċiżjoni tal-Bord skont dan il-paragrafu għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni abbażi tal-elementi li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet mhux subordinati msemmija fil-paragrafu (1) u (2) ikollhom l-istess klassifikazzjoni prijoritarja fil-ġerarkija nazzjonali tal-insolvenza bħal ċerti obbligazzjonijiet esklużi mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' tniżżil fil-valur jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 44(2) jew l-Artikolu 44(3) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) bħala riżultat ta' applikazzjoni ppjanata ta' setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni lil obbligazzjonijiet mhux subordinati li mhumiex esklużi mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' tniżżil fil-valur jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 44(2) jew l-Artikolu 44(3) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-kredituri ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn dawk l-obbligazzjonijiet iġarrbu telf ikbar milli kieku kienu jġarrbu fi stralċ taħt proċedimenti normali ta' insolvenza;

(c) l-ammont tal-obbligazzjonijiet subordinati ma għandux jaqbeż l-ammont meħtieġ biex jiġi żgurat li l-kredituri msemmija fil-punt (b) ma jġarrbux telf ogħla mil-livell tat-telf li altrimenti kienu jġarrbu fi stralċ taħt proċedimenti normali ta' insolvenza.

*Artikolu 12d*

*Determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) ta' kull entità għandu jiġi determinat mill-Bord, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-entità ta' riżoluzzjoni tista' tiġi riżolta bl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni fosthom, fejn xieraq, l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, b'mod li jiġu sodisfatti l-objettivi tar-riżoluzzjoni;

(b) il-ħtieġa li, f'każijiet xierqa, jiġi żgurat li l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha, iżda mhux l-entitajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom biżżejjed obbligazzjonijiet eliġibbli sabiex jiġi żgurat li, jekk jiġu sottoposti għall-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna jew għas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni, rispettivament, it-telf ikun jista' jiġi assorbit u r-rekwiżiti ta' kapital jew, kif applikabbli, il-proporzjon ta' ingranaġġ fil-forma ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1 tal-entitajiet rilevanti jkun jista' jinġieb lura għal livell neċessarju sabiex ikunu jistgħu jkomplu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u jkomplu jwettqu l-attivitajiet li huma awtorizzati jwettqu skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

(c) il-ħtieġa li jiġi żgurat li, jekk il-pjan ta' riżoluzzjoni jantiċipa li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jiġu esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(5) jew jistgħu jiġu kompletament trasferiti lil riċevitur taħt trasferiment parzjali, l-entità ta' riżoluzzjoni jkollha biżżejjed obbligazzjonijiet eliġibbli oħra biex jiġi żgurat li t-telf ikun jista' jiġi assorbit u r-rekwiżiti ta' kapital jew, kif applikabbli, il-proporzjon ta' ingranaġġ fil-forma ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1 tal-entità ta' riżoluzzjoni jkun jista' jinġieb lura għal livell neċessarju sabiex tkun tista' tkompli tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u tkompli twettaq l-attivitajiet li hija awtorizzata twettaq skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

(d) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità;

(e) il-limitu safejn l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti tista' tikkontribwixxi għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 79;

(f) il-limitu safejn il-falliment tal-entità rilevanti ser ikollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja, inkluż, minħabba l-interkonnessjoni tal-entità ma' istituzzjonijiet jew ma' entitajiet oħrajn jew mal-bqija tas-sistema finanzjarja permezz ta' kontaġju lejn istituzzjonijiet jew entitajiet oħra.

2. Fejn il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi li għandha tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni jew li għandhom jiġu applikati setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jkun ugwali għal ammont suffiċjenti biex jiġi żgurat li:

(a) it-telf li jista' jiġi mistenni li l-entità ġġarrab jiġi kompletament assorbit ('assorbiment tat-telf');

(b) l-entità jew is-sussidjarji tagħha li huma istituzzjonijiet, iżda mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni jiġu rikapitalizzati għal livell neċessarju sabiex ikunu jistgħu jkomplu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u jwettqu l-attivitajiet li huma awtorizzati jwettqu skont id-Direttiva 2013/36/UE, id-Direttiva 2014/65/UE jew skont leġiżlazzjoni ekwivalenti ('rikapitalizzazzjoni');

Fejn il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi li l-entità għandha tiġi stralċjata taħt proċeduri normali ta' insolvenza, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal dik l-entità ma għandux jaqbeż ammont suffiċjenti sabiex jiġi assorbit it-telf skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

3. Mingħajr preġudizzju għall-aħħar subparagrafu, fil-każ ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandux jaqbeż l-akbar fost dawn li ġejjin:

(a) is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li jista' jkollu bżonn jiġi assorbit fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni,

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li l-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta mir-riżoluzzjoni jreġġa' lura l-proporzjon kapitali totali msemmi fl-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżit tiegħu msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fil-livell subkonsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni skont l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni;

(b) is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li għandu jiġi assorbit fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżit ta' proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità ta' riżoluzzjoni msemmi

fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-livell subkonsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li l-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta mir-riżoluzzjoni jreġġa' lura l-proporzjon ta' ingranaġġ imsemmi fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-livell subkonsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni skont l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni;

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (a) diviż bl-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju ('TREA').

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (b) diviż bil-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ.

Il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni li ssir referenza għalihom fis-subparagrafi preċedenti skont l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni u jista' jaġġusta dawk l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni sabiex b'mod adegwat jiġu riflessi r-riskji li jaffettwaw ir-riżolvibbilta li tirriżulta mill-mudell ta' negozu, il-profil ta' finanzjament u l-profil ta' riskju globali tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

4. Mingħajr preġudizzju għall-aħħar subparagrafu, fil-każ ta' entitajiet li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandu jaqbeż l-ebda wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li għandu jiġi assorbit fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-entità, u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li l-entità treġġa' lura l-proporzjon kapitali totali tagħha msemmi fl-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżit tiegħu msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE skont il-pjan ta' riżoluzzjoni; jew

(b) is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li għandu jiġi assorbit fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżit ta' proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità msemmi fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li l-entità treġġa' lura l-proporzjon ta' ingranaġġ tagħha msemmi fl-Artikolu 92(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 skont il-pjan ta' riżoluzzjoni;

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress f'termini perċentwali bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (a) diviż bl-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju ('TREA').

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (b) diviż bil-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ.

Il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni li ssir referenza għalihom f'dan il-paragrafu skont l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni u jista' jaġġusta dawk l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni sabiex b'mod adegwat jiġu riflessi r-riskji li jaffettwaw ir-riżolvibbilta li tirriżulta mill-mudell ta' negozu, il-profil ta' finanzjament u l-profil ta' riskju globali tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

5. Fejn il-Bord jistenna li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jiġu esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(5) jew jistgħu jiġu trasferiti kompletament lil riċevitur taħt trasferiment parzjali, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) ma għandux jaqbeż ammont suffiċjenti sabiex:

   (a) jiġi kopert l-ammont tal-obbligazzjonijiet esklużi identifikati skont l-Artikolu 27(5);

   (b) jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 huma sodisfatti.

6. Id-deċiżjoni tal-Bord li jimponi rekwiżit minimu ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont dan l-Artikolu għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, inkluża valutazzjoni sħiħa tal-elementi msemmija fil-paragrafi 2 sa 5, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa u l-livell tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fl-ammont ta' rikapitalizzazzjoni.

7. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, ir-rekwiżiti kapitali għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti tad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fil-Kapitoli 1, 2 u 4 tat-Titolu I tal-Għaxar Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jeżerċitaw l-għażliet mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti b'dak ir-Regolament.

8. Il-Bord jista' jnaqqas ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) biex jittieħed kont tal-ammont li skema ta' garanzija tad-depożiti hija mistennija li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta f'konformità mal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Id-daqs ta' kwalunkwe tnaqqis bħal dan għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni kredibbli tal-kontribuzzjoni potenzjali mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti, u għandu mill-inqas:

(a) ikun inqas minn stima prudenti tat-telf potenzjali li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti kien ikollha ġġarrab, li kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza, filwaqt li titqies il-klassifikazzjoni prijoritarja tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 108 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) ikun inqas mil-limitu fuq kontribuzzjonijiet tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 109(5) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(c) iqis ir-riskju ġenerali li jiġu eżawriti l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti minħabba kontribuzzjonijiet għal diversi fallimenti jew riżoluzzjonijiet bankarji; u

(d) ikun konsistenti ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra fil-liġi nazzjonali u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtorità responsabbli għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.

Il-Bord għandu, wara li jkun ikkonsulta l-awtorità responsabbli għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti, jiddokumenta l-approċċ tiegħu fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ġenerali li jiġu eżawriti l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti u japplika tnaqqis skont is-subparagrafu 1, sakemm dak ir-riskju ma jkunx eċċessiv.

*Artikolu 12e*

*Determinazzjoni tar-rekwiżit għal entitajiet li huma G-SIIs*

1. Ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entità ta' riżoluzzjoni li hija G-SII jew parti minn G-SII għandu jkun magħmul minn:

(a) ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u

(b) kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli determinat mill-awtorità tar-riżoluzzjoni speċifiku għall-entità skont il-paragrafu 2, li għandu jiġi sodisfatt permezz ta' obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12c.

2. Il-Bord jista' jimponi rekwiżit addizzjonali għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 biss:

(a) meta r-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ma jkunx biżżejjed biex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12d; u

(b) sa limitu li l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa ma jaqbiżx livell li huwa neċessarju sabiex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12d.

3. Id-deċiżjoni tal-Bord li jimponi rekwiżit addizzjonali ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, inkluża valutazzjoni sħiħa tal-elementi msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 12f*

*Gwida dwar ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Il-Bord jista' jagħti gwida lil entità sabiex ikollha fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12c u tal-Artikolu 12h(3) li jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Artikolu 12d u fl-Artikolu 12e għall-iskopijiet li ġejjin:

(a) biex jiġi kopert kwalunkwe telf potenzjali addizzjonali tal-entità għal dak kopert fl-Artikolu 12d, u/jew

(b) biex jiġi żgurat li, fil-każ ta' riżoluzzjoni, tiġi sostnuta l-fiduċja tas-suq fl-entità permezz ta' strumenti kapitali flimkien mar-rekwiżit fil-punt (b) tal-Artikolu 12d(2) (il-'bafer għall-fiduċja tas-suq').

Il-gwida għandha tingħata biss u tiġi kkalkulata fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) u kkalkulata skont il-punt (a) tal-Artikolu 12a(2).

2. L-ammont tal-gwida li tingħata skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 jista' jiġi stabbilit biss meta l-awtorità kompetenti tkun diġà waqqfet il-gwida propja skont l-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE u ma għandux jaqbeż il-livell ta' dik il-gwida.

L-ammont tal-gwida li tingħata skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż l-ammont tar-rekwiżit ta' bafer kombinat imsemmi fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, ħlief għar-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) ta' dik id-dispożizzjoni ħlief jekk ikun hemm bżonn ta' livell ogħla sabiex jiġi żgurat li, wara l-avveniment ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perjodu xieraq ta' żmien li ma jkunx itwal minn sena.

L-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tagħti lill-entità r-raġunijiet u valutazzjoni sħiħa għall-ħtieġa u l-livell tal-gwida mogħtija skont dan l-Artikolu.

3. Meta entità konsistentement tonqos milli jkollha fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli addizzjonali kif mistenni skont il-gwida msemmija fl-ewwel paragrafu, il-Bord jista' jitlob li jiżdied l-ammont tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12d(2) sabiex tiġi koperta l-gwida mogħtija skont dan l-Artikolu.

4. Entità li tonqos milli jkollha fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli addizzjonali kif mistenni taħt il-gwida msemmija fl-ewwel paragrafu ma għandhiex tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 141 tad-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 12g*

*Applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli*

1. Entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12d sa 12f fuq bażi konsolidata fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) ta' entità ta' riżoluzzjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni għandu jiġi determinat mill-Bord, wara konsultazzjoni mal-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u mas-superviżur konsolidanti, abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12d sa 12f u dwar jekk is-sussidjarji ta' pajjiżi terzi tal-grupp għandhomx jiġu riżolti separatament skont il-pjan ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 12h*

*Applikazzjoni tar-rekwiżit għal entitajiet li huma nfushom ma jkunux entitajiet ta' riżoluzzjoni*

1. Istituzzjonijiet li huma sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni u li huma nfushom ma jkunux entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12d sa 12f fuq bażi individwali.

Il-Bord jista', wara li jkun ikkonsulta ma' awtoritajiet kompetenti u mal-BĊE, jiddeċiedi li japplika r-rekwiżit stabbilit f'dan l-Artikolu għal entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE li hija sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni u li hija nnifisha mhijiex entità ta' riżoluzzjoni.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) ta' entitajiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-entità ta' riżoluzzjoni hija konformi mar-rekwiżit konsolidat imsemmi fl-Artikolu 12g;

(b) is-somma tar-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu applikati għas-sussidjarji tal-grupp ta' riżoluzzjoni għandha tkun koperta minn u ma taqbiżx ir-rekwiżit konsolidat imsemmi fl-Artikolu 12g, sakemm dan ma jkunx dovut biss għall-effetti tal-konsolidament fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 12g(1);

(c) għandu jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà mogħtija fil-paragrafu 3;

(d) ma għandux jaqbeż il-kontribuzzjoni tal-kumpanija sussidjarja għar-rekwiżit konsolidat imsemmi f'12g(1).

3. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi sodisfatt permezz ta' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet li:

(i) jkunu nħarġu lill-entità ta' riżoluzzjoni u nxtraw minnha;

(ii) jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 72a, ħlief għall-punt (b) tal-Artikolu 72b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iii) fi proċedimenti normali ta' insolvenza jkunu kklassifikati taħt obbligazzjonijiet minbarra dawk eliġibbli għal rekwiżiti ta' fondi proprji li jkunu maħruġa lil entitajiet oħra minbarra l-entità ta' riżoluzzjoni u mixtrija minnhom;

(iv) ikunu soġġetti għas-setgħa ta' tniżżil fil-valur jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 21 li hija konsistenti mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni, notevolment billi ma jiġix affettwat il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni.

(b) strumenti ta' fondi proprji eliġibbli maħruġa lil u mixtrija minn entitajiet oħrajn minbarra l-entità ta' riżoluzzjoni meta l-eżerċizzju tas-setgħa ta' tniżżil fil-valur jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 21 ma jaffettwax il-kontroll tal-kumpanija sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni.

4. Soġġett għall-qbil tal-Bord, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) jista' jiġi sodisfatt b'garanzija tal-entità ta' riżoluzzjoni mogħtija lis-sussidjarja tagħha, li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-garanzija tingħata għal mill-inqas l-ammont ekwivalenti tal-ammont tar-rekwiżit li tissostitwixxi;

(b) il-garanzija tiġi skattata meta l-kumpanija sussidjarja ma tkunx kapaċi tħallas id-djun tagħha jew obbligazzjonijiet oħra meta jsiru dovuti jew tkun saret determinazzjoni skont l-Artikolu 21(3) fir-rigward tal-kumpanija sussidjarja, skont liema jiġi l-ewwel;

(c) il-garanzija tkun kollateralizzata permezz ta' arranġament kollaterali finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE għal mill-inqas ħamsin (50) fil-mija tal-ammont tagħha;

(d) il-garanzija u l-arranġament kollaterali finanzjarju jkunu regolati mil-liġijiet tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-kumpanija sussidjarja sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor mill-Bord;

(e) il-kollateral ta' appoġġ tal-garanzija jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 197 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li, wara valwazzjoni negattiva tad-dejn adegwatament konservattiva, ikun biżżejjed biex ikopri l-ammont garantit kollu;

(f) il-kollateral ta' appoġġ tal-garanzija ma jkunx gravat u b'mod partikolari ma jkunx qiegħed jintuża bħala kollateral għal xi garanzija oħra;

(g) il-kollateral ikollu maturità effettiva li tissodisfa l-istess kundizzjoni ta' maturità bħal dik imsemmija fl-Artikolu 72c(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(h) ma jkun hemm l-ebda ostaklu legali, regolatorju u operattiv għat-trasferiment tal-kollateral mill-entità ta' riżoluzzjoni għas-sussidjarja rilevanti, inkluż meta tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 12i*

*Rinunzja tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli applikata għal entitajiet li huma nfushom ma jkunux entitajiet ta' riżoluzzjoni*

Il-Bord jista' jirrinunzja għal kollox l-applikazzjoni tal-Artikolu 12h għal sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti fejn:

(a) kemm is-sussidjarja u l-entità ta' riżoluzzjoni jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti;

(b) l-entità ta' riżoluzzjoni tkun konformi mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12g;

(c) ma jkun hemm l-ebda impediment materjali, prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment immedjat tal-fondi proprji jew għall-ħlas lura tal-obbligazzjonijiet mill-entità ta' riżoluzzjoni lis-sussidjarja li fir-rigward tagħha tkun saret determinazzjoni skont l-Artikolu 21(3), b'mod partikolari meta tkun ittieħdet azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 12g*
*Ksur tar-rekwiżit*

1. Il-Bord u awtoritajiet rilevanti oħra għandhom jindirizzaw kwalunkwe ksur tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli min-naħa ta' entità permezz ta' mill-inqas wieħed mill-mezzi li ġejjin:

(a) setgħat biex jiġu indirizzati jew jitneħħew impedimenti għar-riżolvibilità skont l-Artikolu 10;

(b) miżuri msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/KE;

(c) miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 13;

(d) penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra skont l-Artikolu 110 u l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2014/59/UE".

2. Il-Bord, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti għandhom jikkonsultaw lil xulxin meta jeżerċitaw is-setgħat rispettivi tagħhom imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1."

6. L-Artikolu 16 ġie emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (2) ġie sostitwit b'dan li ġej:

'2. Il-Bord għandu jieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' impriża prinċipali msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2, fejn ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1).';

(b) il-paragrafu 3 ġie sostitwit b'dan li ġej:

'3. Minkejja l-fatt li impriża prinċipali ma tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1), il-Bord jista' jiddeċiedi dwar azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dik l-impriża prinċipali meta tkun entità ta' riżoluzzjoni u meta sussidjarja waħda tagħha jew aktar li huma istituzzjonijiet u mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1) u l-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom jkunu tali li l-falliment tagħhom huwa ta' theddida għall-istituzzjoni jew għall-grupp kollu u azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dik l-impriża prinċipali tkun neċessarja għar-riżoluzzjoni ta' tali sussidjarji li huma istituzzjonijiet jew għar-riżoluzzjoni tal-grupp sħiħ.'.

7. 'Strument kapitali rilevanti' fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1) ġie sostitwit bi 'strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli'.

8. Il-Punt (c) tal-Artikolu 20(5) ġie sostitwit b'dan li ġej:

'(c) meta tiġi applikata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti skont l-Artikolu 21(7), li tingħata informazzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar kemm għandhom jiġu kkanċellati jew dilwiti l-istrumenti ta' sjieda, u kemm għandhom jiġu vvalwati negattivament u jiġu kkonvertiti l-istrumenti kapitali rilevanti u l-obbligazzjonijiet eliġibbli;'.

9. L-Artikolu 21 ġie emendat kif ġej:

(a) it-titolu ġie sostitwit b'dan li ġej:

'Tniżżil fil-valur u konverżjoni ta' strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli'

(b) 'strumenti kapitali' fl-ewwel sentenza tal-paragrafu (1) ġie sostitwit bi 'strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli'

(c) 'strumenti kapitali' fil-punt (b) tal-paragrafu (1) ġie sostitwit bi 'strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli'

(d) 'strumenti kapitali' fil-punt (b) tal-paragrafu (3) ġie sostitwit bi 'strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli';

(e) 'strumenti kapitali' fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu (8) ġie sostitwit bi 'strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli';

(f) il-paragrafu (7) ġie sostitwit b'dan li ġej:

'7. Jekk tiġi sodisfatta kundizzjoni waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1, il-Bord li jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, għandu jiddetermina jekk is-setgħat ta' tniżżil fil-valur jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandhomx jiġu eżerċitati indipendentement jew, skont il-proċedura fl-Artikolu 18, flimkien ma' azzjoni ta' riżoluzzjoni.

Is-setgħa ta' tniżżil fil-valur jew ta' konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli indipendentement mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tiġi eżerċitata biss fir-rigward ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(3), minbarra l-kundizzjoni relatata mal-maturità li jifdal tal-obbligazzjonijiet.'.

(g) mal-paragrafu (10) jiżdied il-punt li ġej:

'(d) l-ammont tas-somma kapitali ewlenija ta' obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 7 jiġi sottopost għal tniżżil fil-valur jew jiġi konvertit fi strument tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew it-tnejn, sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14 jew sal-punt tal-kapaċità tal-obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti, skont liema minnhom ikun l-aktar baxx.'.

*Artikolu 6*
*Dħul fis-seħħ*

1. Dan ir-Regolament ta' emenda għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika fi żmien 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |